MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Numru 537/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Gatt**
**V**

**TREVOR SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **TREVOR SPITERI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Emanuel u Maria Dolores nee Willliams, imwieled San Giljan nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 1975 u residenti 29, Triq Mensija, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 70076M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fid-disgha ta' Lulju 2000, ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija gewwa Triq x-Xatt, Gzira, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anna Camilleri mill-Hamrun f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Anna Camilleri, liema hsara hija

offiza gravi li tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Anna Camilleri mill-Hamrun skond kif iccertifika Doctor A. Gatt MD fl-Isptar San Luqa;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Camilleri, Franco Camilleri u John Azzopardi kif iccertifikaw Doctor E. Scerri MD tal-Gzira Health Centre u Doctor S. Zammit tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;

3. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Anna Camilleri, Franco Camilleri u John Azzopardi sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara;

4. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi waddab flixkun tal-inbid mimli kontra l-persuna ta' Anna Camilleri.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2001 sabiex din l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-hmistax ta' Novembru 2001 [fol 95].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Frar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehed l-Ispettur Stephen Gatt** [fol 8] fejn qal li nhar d-disgha ta' Lulju 2002, ghall-habta tas-sebgha w kwart jew is-sebgha w nofs ta' filghaxija waqt li kien jassisti ghal loghob tal-waterpolo f'Tal Qroqq, kien gie nfurmat li kien hemm glieda mhux hazin ssehh fix-Xatt tal-Gzira fejn kien hemm il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Ghalhekk, x-xhud kompla jghid, li mar mas-Supretendent Paul Debattista fuq il-post fejn sabu diversi Pulizija kif wkoll lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, lil missieru Albert Spiteri, lil Franco Camilleri u lil Anna Camilleri li kienet ghadha kemm telqet b'ambulanza. Minn stharrig li ghamel dak l-hin rrizultalu li ghall-habta tas-sebgha w kwart jew is-sebgha w nofs ta' filghaxija ta' dakinhar, Anna Camilleri flimkien mar-ragel taghha Franco Camilleri, kienu ghaddejjin mix-Xatt tal-Gzira, peress li r-ragel taghha minn hemm, sejrin fid-direzzjoni tal-Belt Valletta, u kienu qed jippruvaw jipparkjaw il-vettura taghhom fejn gabbana bl-isem Annie' Kiosk, f'dan il-post kien hemm xi kaxxi tal-luminata. Ghalhekk Franco Camilleri nizel mill-vettura tieghu, sar xi kliem bejnu u bejn l-imputat u Emanuel Spiteri, li jigi missier l-imputat staqsa lil Franco Camilleri ghalfejn kienu hemm dawk il-kaxxi taht l-bankina peress li ma setghax jipparkja. Sar xi tizgwid bil-kliem u Franco Camilleri w l-mara tieghu telqu minn fuq il-post u marru band'ohra jippruvaw isibu post fejn jipparkjaw il-vettura taghhom fejn Manoel Island. Ix-xhud kompla jghid li anke Manoel Island irizulta li kien mimli u ghalhekk regghu marru lura fejn kienu u hemmhekk, faccata ta' Annie' Kiosk hdejn l-Maxims, sabu lir-ragel ta' oht Franco Camilleri, certu Franco Azzopardi li kien qed jistenna hemmhekk u dan tela' maghhom fil-karozza sabiex imorru kollha jfittxu parking. Ix-xhud kompla jghid li qabel ma Franco Camilleri u martu ltaqghu ma Franco Azzopardi waqt li kienu ghaddejjin, raw xi Pulizija li kienu xoghol dakinhar u maghhom ghamlu rapport dwar il-kaxxi tal-luminata li kienu taht l-bankina u li minhabba fihom ma setghux jipparkjaw il-vettura taghhom. Dan ix-xhud qal li hekk kif Franco Camilleri, martu u Franco Azzopardi kienu weqfin minhabba t-traffic lights u kienu qrib il-gabbaba tal-

imputat, l-imputat hareg mill-gabbana b'zewgt iflixken f'idejh, resaq lejn in-naha ta' Franco Camilleri li kien isuq l-karozzza u tefghalu flixkun, pero Franco Camilleri resaq lura u l-flixkun spicca tkisser ma wicc Anna Carmilleri bil-konsegwenza li beda hiereg hafna demm minn ghajnejha u kellha tittiehed l-isptar. Qal li kif appena gara l-incident, Franco, John u Anna hargu mill-vettura u gew aggrediti mill-imputat u missieru Emanuel. Qal li skond Anna Camilleri, din ix-xhud bdiet titlob lil imputat jieqaf peress li deher li kellu zewgt iflixken wiehed minnhom kbir tal-isquash f'idejh u tghidlu "jkollok hniena minna ghax issa li telliftli ghajnejja wahda, hemm tarbija gejja fid-dinja u ha toqtolhieli". Qal li b'dan il-kliem kienet qed tirreferi ghal oht r-ragel taghha li kienet ghadha hdejn il-Maxims u kellha tmien xhur tqala. Qal li kif l-imputat semgha dan il-kliem, skond Anna Camilleri, dan esklama "issa nirrangak, tarha t-tarbija' u beda jghatiha fuq zaqqha bil-flixkun wkoll. Ix-xhud qal li rrizultalu li sew Franco Camilleri, John Azzopardi u Anna Camilleri kif wkoll l-imputat Trevor Spiteri u missieru Emanuel Spiteri, garrbu xi feriti. Kompla jghid li lilu rrizultalu li Anna Camilleri kellha “lacerated tube” tad-dmugh t'ghajnejha bil-konsegwenza tad-daqqa ta' flixkun li qalghet. Irrizultalu li fil-karozza ta' Franco Camilleri kien hemm bicciet tal-hgieg ta' flixkun tal-Lacryma Vitis u xi tbajja tal-inbid. Qal li nhar l-erbatax ta' Lulju 2000 huwa ha l-istqarrija tal-imputat wara li gie moghti s-solita twissija u li l-imputat ghazel li jiffirma. Huwa esibixxa din l-istqarrija li giet mmarkata bhala dokument CSH 5 [fol 17].

**Meta rega' xehed l-Ispettur Stephen Gatt** nhar t-tletin ta' Lulju 2001 [fol 72] huwa esibixxa d-dokument SG li hu hgiega li allegatament giet minn flixkun tal-inbid tal-marka San Paolo li gie elevat minn fuq il-post u cioe mill-vettura ta' Franco Camilleri.

Illi **nhar t-tletin ta' Lulju 2001 xehed PS 441 Louis Micallef** [fol 74] fejn ikkonferma r-rapport li huwa kien ircieva nhar id-disgha ta’ Lulju, 2000 dwar il-glieda li kien hemm il-Gzira vicin il-bahar. Ikkonferma kif del resto jirrizulta mill-okkorrenza minnu esebita illi Anna Camilleri u xi familjari taghha gew aggrediti mill-imputat u minn

missieru.  Ikkonferma li ra flixkun tal-inbid imkisser fuq is-seat tal-vettura li kienet riekba l-istess Anna Camilleri u li l-hgieg esebit il-Qorti bhala dok SB u SG huwa hgieg mehud minn fuq is-seat tal-istess vettura.

Illi **nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehed Doctor Alexander Gatt** [fol 20] fejn qal li hu jahdem bhala Senior House Officer fl-isptar San Luqa u li nhar d-disgha ta' Lulju 2000 huwa ezamina lil Anna Camilleri fejn sab li kellha ferita kbira fuq in-naha tax-xellug fil-wicc vicin l-imnieher u parti mill-ferita kienet fuq l-ghajnejn u tkompli tinzel u tinvolvi l-kappell tal-ghajn ix-xellugija u tghaddi taht l-ghajn.  Qal li din t-ticrita kienet kagun ta' xi haga li taqta.  Qal li ghamel diversi punti kemm taht l-ghajnejn, kemm fil-kappell, kif wkoll taht l-haddejn.  Qal li sab wkoll barxa fuq l-cornea u li din kienet wahda superficjali.  Qal li din il-ferita kienet wahda ta' natura permanenti peress li tikkostitwixxi sfregju u qal li ma setghax jghid jekk ikunx hemm xi konsegwenzi ohra bhala kagun ta' din il-ferita kif wkoll minhabba l-punti li ghamel hu.   Qal li bhala vista tal-ghajn kollox huwa normali u li jekk ikun hemm xi kumplikazzjoni din kienet  tkun wahda kosmetika u li jista jkun hemm problema fid-drainage tad-dmugh tal-ghajn. Ix-xhud ikkonferma li l-persuna li tidher fir-ritratti dokumenti CSH 6 u CSH 7 hija l-pazjenta li kien ezamina hu u li r-ritratt dokument CSH 7 juri l-punti li kien ghamel fuq il-pazjenta.  Qal li fil-fehma tieghu ma jidhirx li hemm xi affarijiet serji fil-cornea ta' Anna Camilleri minhabba dan l-incident.
Illi **nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru 2000 xehdet Anna Camilleri** [fol 24] fejn qalet li nhar d-disgha ta' Lulju 2000 hija kienet il-festa tal-Gzira u kienet ghaddejja mar-ragel taghha Franco bil-karozza taghhom.  Qalet li ma genbhom kien hemm oht r-ragel taghha u zewgha w uliedhom, u dawn tal-ahhar kienu sabu post jipparkjaw il-vettura taghhom qabilhom.   Qalet li lilhom deherilhom li kien hemm post vakanti ghal karozza taghhom faccata tal-gabbana tax-Xatt tal-Gzira.  Qalet li kif huma kienu ser jipparkjaw, semghu hoss w indunaw li kien hemm kaxxi tal-luminati.   Qalet li zewgha nizel mill-vettura u qal lil tal-gabbana sabiex inehhilu l-kaxxi vojta tal-luminata minn nofs.  Qalet li fil-gabbana kien hemm tnejn minn nies

wiehed minnhom daqsxejn anzjan u l-iehor guvni. Hija gharfet lil imputat presenti fl-awla bhala l-guvni li kien hemm fil-gabbana. Qalet li l-anzjan indirizza lir-ragel taghha billi fetah idejh u qallu; "Tridtx titlaq 'l hemm, issa gej tat-truck ghax tehel ma rasi inti" u zewgha qallu "tat-truck llum l-Hadd filghaxija, mhux suppost jigi." Qalet li hi dak il-hin qalet lir-ragel taghha biex jitilqu minn hemmhekk u telqu. Qalet li marru jippruvaw isibu post iehor biex jipparkjaw, raw xi Pulizija u staqsewh jekk setghax jipparkja fejn kien hemm il-kaxxi tal-luminata u dan irrispondih li setgha u fil-fatt anke offra li jnehhi l-kaxxi hu stess. Qalet li rat lil Pulizija jmur jkellem lil tal-gabbana u fil-fatt nehha dawn il-kaxxi. Qalet li pero hi qalet lil zewgha biex ma jipparkjawx hemmhekk xorta, u qalet lir-ragel t'ohtha li kienu ser jitilqu minn hemmhekk peress li ma sabux parking. Qalet li r-ragel t'ohtha John Azzopardi issuggerilhom li jmur maghhom isibu parking, dahal fil-karozza taghhom fuq wara, marru jfittxu parking pero ma sabux u ghalhekk regghu lura u bdew jfittxu lil mara ta' John Azzopardi, li kellha tmin xhur tqala li kienet qed tistennihom ma gemb triq. Qalet li dak l-hin xeghlu t-traffic lights, waqfu quddiemhom, u waqt li kienu qed jharsu lejn l-mara ta' John Azzopardi semghu hoss u semghu lil xi hadd jghid "Stennew naqra."' Qalet li kif harsu fid-direzzjoni ta' fejn kien gej l-lehen, raw lil imputat jaqbad flixkun tal-hgieg t'inbid ahmar mill-gabbana, qasam t-triq jigri, wasal quddiem il-karozza taghhom xi metru boghod u tefa' l-flixkun 'l gewwa fid-direzzjoni tal-hgieg fejn kien bilqeghda Franco Camilleri. Qalet li dak l-hin hija ppanikkjat, l-flixkun spicca ma wiccha w infaqa fuq ghajnejha ix-xellugija. Qalet li dak l-hin lanqas bdiet tara u hasset il-hgieg f'ghajnejha. Qalet li dak l-hin rat lil imputat jaqbad lir-ragel taghha minn ghonqu. Qalet li hi harget mill-karozza kollha dmijja u rat lil missier l-imputat sejjer jigri lejhom u hasbet li kien sejjer hemm biex jzomm lil imputat. Qalet li John Azzopardi staqsih ghalfejn ghamlu hekk u l-anzjan wiegbu li ghamel hekk ghaliex kienu marru u irrappurtawh. Qalet li wara regghet rat lil imputat jaqsam ghal gabbana u gab zewgt ifliexken ohra kbar wiehed minnhom tal-orange. Marret tipprova zzomm lil imputat u qaltlu li kien ser jkollhom tarbija peress li l-mara ta' John Azzopardi kienet tqila, u minflok ma l-imputat

kkalma, izjed irvella w ittanta jigdimha fuq spallejha u refa' idejh fuqha. Qalet li l-flixken li kellu f'idejh ma kissirhomx izda baqghu f'idejh. Qalet li mbaghad giet l-ambulanza u haditha l-isptar. Qalet li kellha wkoll taghmel operazzjoni f'ghajnejha peresss li l-pipe tad-dmugh ma kienx qed jahdem sew. Hija esibit ritratt li gie mmarkat bhala dokument CSH 8 li fih jidhru l-marki homor fuq r-ragel taghha li halla fuqu l-imputat meta gibdu minn ghonqu. Qalet li hwejjigha spiccaw imqattghin b'rizultat ta' dan l-incident. Qalet li li oht r-ragel taghha giet invistata l-isptar peress li hasbu li kienet ser twelled dak l-hin ghalkemm din fl-ebda mument ma kienet giet vjolentata. Qalet li l-imputat beda jaghtiha fuq zaqqha b'zewgt ifliexken w ittanta jigdimha wkoll.

Illi **nhar d-disgha ta' Novembru 2000 xehed Franco Camilleri** [fol 32] fejn ikkonferma dak li kienet qalet martu Anna fix-xhieda taghha u cioe` li huwa kien fil-kumpanija taghha, t'ohtha Tanya Azzopardi u zewgha John sejrin il-festa tal-Gzira. Ikkonferma ukoll li huwa gie fi kliem mal-imputat dwar setghax jipparkja quddiem il-gabbana tieghu fejn l-imputat kien pogga xi kaxxi tal-luminati. Ikkonferma ukoll li minn fuq il-post kien telaq u li kien irrapporta din il-kwistjoni lill-Pulizija li kienu fil-vicinanzi li ma setghax jipparkja quddiem il-gabbana tal-imputat. Ikkonferma ukoll illi waqt li huma kienu fil-vettura fit-triq jistennew il-lights jinbidlu. Ra lill-imputat jigri fid-direzzjoni tal-vettura tieghu, iwaddab flixkun tal-inbid u jolqot lil martu f'wiccu, f'ghajnejha. Jispjega li waqt li martu kienet fl-ambulanza sejra lejn l-isptar, l-imputat reggha qasam it-triq, mar gab zewg fliexken ohra u reggha avvicinhom. Ohtu bdiet tindirizza lill-imputat u tghidlu biex joqghod attent ghaliex hija kellha tmien xhur tqala u dak il-hin beda jiggieled ma martu. Spjega kif l-imputat qabdu minn ghonqu, igebbdu waqt li kien fil-karozza tant li spicca b'diversi dbengil f'ghonqu kif del resto jirrizulta mic-certifikat esebit dokument CSH 2 rilaxxjat minn Dr. Ramon Scerri esebit fl-atti fol 14A.

Illi **nhar d-disgha ta' Novembru 2000 xehed John Azzopardi** [fol 37] fejn ikkonferma dak kollu li kienu qalu x-xhieda Franco Camilleri u martu Anna rigward id-dinamika tal-incident. Ikkonferma ukoll li huma gew

aggrediti waqt li kienu fil-karozza jistennew il-lights jinbidlu u fl-ebda hin ma aggredew lill-imputat u li l-incident sehh fl-lehha ta’ berqa ghad insaputa taghhom. Huwa jikkonferma li gie aggredit mill-imputat. Fil-fatt sahansitra fl-atti hemm esebit certifikat rilaxxjat minn Dottor Stanley Zammit dwar il-grif li sofra John Azzopardi liema feriti gew klassifikati bhala dawk ta’ natura hafifa.

Illi **nhar d-disgha ta' Novembru 2000 xehdet Tania Camilleri** [fol 40] fejn ikkonfermat dak kollu li qalu x-xhieda precedenti pero’ meta gie mistoqsi kemm kien boghod l-imputat meta tefa’ flixkun fid-direzzjoni tal-vettura li kienu fiha, huwa qal li kien boghod xi hames piedi u l-flixkun ma habat ma xejn u li t-tisbita hadiha wicca Anna. Ikkonfermat ukoll li John Azzopardi gie aggredit mill-imputat, u Anna Camilleri spiccat b’ghajnejha miftuha waqt li lkoll kienu qeghdin jistennew il-lights jinbidlu f’nofs ta’ triq.

Il-Qorti kienet innominat lil Dottor Franco Mercieca u Dottor Dino Vella Briffa sabiex jesaminaw lil Anna Camilleri u jirrelataw dwar in-natura tal-feriti subiti minnhom.

Illi **nhar s-sittax ta' Frar 2001 xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 53] fejn ikkonferma li Anna Camilleri kellha ferita li bdiet fuq in-naha tax-xellug ta’ imnehiera fil-parti ta’ fuq u li kienet tkompli fuq il-kappell tax-xellug tal-ghajn u tinzel ghal fuq il-kappell t’isfel ghal fuq in-naha tax-xellug tal-ghajn. Ikkonferma illi hija ghamlet operazzjoni sabiex tindirizza d-difett li kellha li l-ghajn ma kienetx qed tghalaq sew minhabba dan l-incident u ikklassifika dawn il-griehi bhala dawk ta’ natura gravi konsistenti fi sfregju fil-wicc.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin Settembru 2001 xehed Mr. Franco Mercieca** [fol 32] fejn ikkonferma r-rapport tieghu esebit fl-atti a fol 90, fejn iddeskriva l-ferita ta’ Anna Camilleri bhala “a superficial lacerated wound over the left side of her nose, involving the inner canthus and lower canaliculus and a concomitant cornial abrasion. She had her left lacrimal ductular system blocked” u li tali feriti ma

kienux ta' natura gravi mill-punto di vista ta' vista tal-ghajn.
Illi **nhar t-tnejn ta' Lulju 2002 xehed l-imputat** [fol 101] u spjega kif fil-fehema tieghu inqala l-incident mertu tal-kawza. Ammetta illi l-incident beda minhabba parking li x-xhieda xtaqu jaghmlu quddiem il-gabbana tieghu minflok iz-zewg kaxxi tal-luminata li huwa kellu sabiex allegatament jirriserva parking ghal ommu. L-imputat spjega illi l-kwerelant Franco Azzopardi qabad u tefgha bl-gherra z-zewg kaxxi li kien hemm quddiem il-gabbana tieghu u jghidlu li minn ommu ma jimpurtahx pero fl-istess hin jghid li l-Pulizija marru u qalulu biex inhehhi z-zewg kaxxi. Huwa fil-fatt nehha z-zewg kaxxi u l-post gie mehud minn terza persuna. Spjega illi wara li sehh dan, Azzopardi beda jghajjru u jghidlu; "Kellek tnehhijhom ja annimal". Qal illi mar ikellmu u jghidlu ghaliex irreagixxa hekk u fil-pront hargu tlett minn nies ghalih. Bdew jaghtuh bis-sieq, u tefawh mal-art. Mistoqsi jekk kellux certifikat mediku, l-imputat wiegeb li tabib ma rax izda ratu nurse u ghalhekk certifikat ma kellux. Ikkonferma illi verament kellu zewg fliexken f'idejh f'xi hin, pero' jghid illi wiehed minn dawn il-fliexken inkiser mal-karozza meta gie aggredit minn wiehed mill-familjari ta' Azzopardi. Cahad illi l-fliexken li kellu f'idejh gabarhom mill-gabbana u qal ukoll illi waqt dan l-incident huwa intilef. Minn ezami tal-istqarrija jirrizulta illi missieru kien presenti waqt l-incident. Ikkonferma illi gie insulentat minn l-allegati vittmi u li gie aggredit minnhom, tant illi kellhom ikunu n-nies li jtuh l-ghajnuna. Qal ukoll illi d-driver tal-vettura tat daqqa ta' ponn lill-missieru f'halqu, tant li missieru nstabat mal-kurdun tas-central strip u weggha genbejh. Cahad li tefgha flixkun ghad-direzzjoni ta' Anna Azzopardi jew f'xi hin refgha idejh fuqha.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha sostniet illi l-imputat ghamel dak li ghamel ghaliex kien gie provokat mill-allegati vittmi, ghalkemm mix-xhieda prodotta mill-istess difiza ma jirrizultax illi l-imputat f'xi hin ammetta li aggredixxa lil xi hadd, anzi dejjem jghid li kien hu li gie aggredit kwazi kwazi ghal xejn b'xejn, pero' stranament,

meta gie mistoqsi jekk kellux certifikati medici in sostenn tal-feriti li subixxa, huwa jghid li minn tabib ma giex esaminat. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-imputat gie provokat, anzi kien hu li ipprovoka u ikkreja l-incident in esami. L-imputat fil-fehema tal-Qorti agixxa b'mod irrisponsabbli u irragonevoli billi qabad u tefgha flixkun fid-direzzjoni ta' Anna Azzopardi u ikkagunalha l-feriti fuq deskritti semplicement ghaliex kien gie rrapportat li pogga zewg kaxxi tal-luminata fit-triq, meta ma kienx suppost. Illi l-provokazzjoni jista' jigi ammess bhala fattur mitiganati meta l-agent li kien qed jagixxi jitlef il-kontroll ordinarju tieghu nnifsu minhabba l-passjoni kkreata mill-att provokattiv tal-agent li jgieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li hu importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod.

Fi kliem **Manzini** (***Vol II, pag. 240, Diritto Penale***);

*"In uno stato di ira determinato da un fatto ingiusto altrui"*.

L-awtur Ingliz **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility*** jghid;

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutive of punishment because the agents' ability to control his action is thought to have been impaired or weakened otherwise than his own actions so that conformity to the law which she has broken was a matter of special difficulty for him, as compaired with normal persons, normally placed"*.

Fil-fehema tal-Qorti ma jirrizultax illi l-imputat kien gie aggredit u dan ghaliex id-difiza ma ressqet l-ebda provi biex issostni tali asserzjoni salv ix-xhieda tal-imputat li hija kontradetta in toto mix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni. Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghandha kollha mis-sewwa, hija kostanti u korroborata bil-feriti kollha li gew deskritti mit-tobba li xehedu f'dawn il-proceduri u mic-certifikati medici li gew rilaxxati ftit wara li gew ikkagunati l-feriti.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u innotat li hija wahda indelibbli minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha pero dan nonostante thoss illi l-imputat ghandu jigi penalizzat ta' dak li ghamel b'mod sever bil-ghan li ma thalliex nies jaghmluha ta' cowboys fit-triq u jagredixxu lil terzi persuni li jkunu mexjin ghall-affari taghhom.  Il-ferita li subiet Anna Camilleri kif murija fid-dokument CSH 6 u 7 hija wahda serja, tikkostitwixxi sfregju f'wicc mara u ghalhekk hija tal-fehema li l-piena idoneja hija karcerarja.  M'hemmx dubju li l-vittma Anna Camilleri soffriet hafna f'dan l-incident, tant li sahansitra anke kellha interventi kirurgici fuqha.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 339(1)(d), 338(dd), 339(1)(b), 17(b)(c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputat TREVOR SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn u nofs.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------